# Iċ-Ċimiterju Navali fil-Kalkara




Iċ-Ċimiterju Navali tal-Kalkara jinsab fl-inħawi hekk magħrufa bħala ta' "Santu Rokku", fuq wara tal-Knisja ta' Santa Barbara tal-Patrijiet Kapuċċini. Fid-daħla taċ-Ċimiterju tinsab plakka tal-metall li fiha deskrizzjoni tal-esperjenzi li għadda minnhom il-poplu Malti u dawk kollha li kienu jaħdmu fis-servizzi navali matul il-gwerrer. Din tisħaq li hemm mal-elfejn ħaddiem mill-Ewwel Gwerra Dinjija u mal-elf u ħames mija oħra mit-Tieni Gwerra Dinjija midfuna fiċ-ċimiterji madwar il-gżejjer Maltin.

Fejn jirrigwardja ċ-Ċimiterju Navali tal-Kalkara hemm miktub li hemm mal-477 qabar mill-Ewwel Gwerra Dinjija, 719-il qabar mit-Tieni Gwerra Dinjija u xi 2,500 qabar ieħor għal irġiel, nisa u tfal li mietu barra iż-żmien tal-gwerer.

Fiċ-Ċimiterju jinsabu wkoll żewġ memorjali mill-Ewwel Gwerra Dinjija: waħda għall-irġiel tal-qawwa navali Ġappuniża u oħra għall-ħabsin tal-gwerra Ġermaniża. F'dan iċ-ċimiterju jinsabu wkoll iġsma ta' rġiel li mietu b' xi diżgrazzji oħra.

Bħala ċimiterju, nistgħu ngħidu li huwa maqsum f'żewġ sezzjonijiet, waħda għal Protestanti u l-oħra għall-Kattoliċi. Ħafna mill-midfunin tal-Ewwel Gwerra Dinjija jiffurmaw plot trijangulari fis-sezzjoni tal-Protestanti fil-waqt li hemm oħrajn li huma mxerrdin fil-madwar. Il-maġġor parti tal-midfunin mit-Tieni Gwerra Dinjija jinsabu wkoll fil-parti tal-Protestani ħdejn l-entratura, iżda jeżisti grupp ieħor li qiegħed fil-parti tal-Kattoliċi. Il-bqijja jinsabu mxerrdin.

Iċ-Ċimiterju jinsab madwar żewġ kilometri fl-ixlokk tar-Rnella, u fi Triq Santa Liberata hemm xi tabelli li jidderiġuk lejn l-istess ċimiterju fi Triq Santu Rokku.

Minħabba li l-art Maltija hija baxxa, matul iż-żewġ gwerer ħafna mill-oqbra ġew imħaffra fil-blat. Matul it-Tieni Gwerra, xogħol bħal dan kien perikoluż minħabba l-attakki mill-ajru. Wieħed jista' jinnotta wkoll l-uniformità fit-tnaqqix tal-iskrizzjonijiet fuq l-oqbra.

Ma nistgħux ma nsemmgħux ukoll ftit storja marbuta ma' xi wħud li jinstabu midfuna f'dan iċ-Ċimiterju. Fir-Rebbiegħa tal-1915, l-isptarijiet imxerrdin madwar il-Gżejjer Maltin laqgħu madwar 135,000 marid u midruba, il-maġġor parti jkunu mill-kampanji ta' Gallipoli u Salonika, iżda il-fatt li l-attività sottomarina żdieded maż-żmien fil-Mediterran, fissret li inqas vapuri-sptarijiet ġew mibgħuta lejn Malta minn Mejju tal-1917. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-pożizzjoni ta' Malta fil-Mediterran kienet ta' importanza strateġika enormi għall-Allejati. Bil-fortifikazzjonijiet madwar il-gżira, Malta qatt ma kienet invaduta, iżda kienet suġġetta għal bumbardamenti kontinwi bejn id-dħul tal-Italja fil-gwerra f'Ġunju tal-1940 u it-telfa tal-assi f'El Alamein fl-1942. Fil-milja ta' l-attentati tal-assi biex ikissru ir-reżistenza Maltija f'April tal-1942, il-gżira u in-nies tagħha ġew ippremjati bil-*George Cross* mir-Re Ġorġ V. Id-difiża Maltija kienet isserrah fuq operazzjonijiet kombinati li fiha kienu jikkontribwixxu tliet stazzjonijiet mill-forzi armati u l-merkanzija navali li kienu kruċjali daqs xulxin. Minkejja li kienu pressati ħafna fid-difiża, attaki li saru mill-gżira Maltija fl-ajru u fil-baħar kienu effettivi fil-linji ta' komunikazzjoni tal-assi mal-Afrika ta' fuq, u kienu parti vitali fis-suċċess event-

wali tal-Allejati hemmhekk.

Meta xi ċimiterji ġewwa Malta kienu jinqalgħu u jiġu żviluppati għal raġunijiet oħra, il-fdalijiet tal-mejtin kienu jittieħdu ġo dan iċ-ċimiterju u jerġgħu jiġu midfuna fl-oqbra tal-massa. Hawn, hemm midfuna dawk il-membri tal-*British Services* u l-familjari tagħhom li mietu bejn l-1865 u l-1913 u kienu oriġinarjament mid-funa fiċ-ċimiterju navali tar-Rnella.



*L-entratura prinċipali taċ-Ċimiterju Navali ġewwa l-Kalkara.*

Fuq il-lapida tal-qabar numru D.846 hemm miktub, "Din il-lapida tibqa' fil-memorja għal dawk li oriġinarjament indifnu fiċ-ċimiterju tal-isptar Navali ta' Bighi bejn l-1846 u l-1901. Isimhom qiegħed imniżżel għal dejjem fil-ktieb ġewwa l-Knisja ta San Osvaldu ġewwa l-Isptar Navali, (Bighi) Malta." Min-naħa l-oħra, fuq il-lapida tal-qabar numru D.849 hemm miktub, "Imneħħija min Bighi, iċ-ċimiterju tal-Isptar Navali f'Diċembru tal-1968 u reġgħu ġew midfuna hawn fl-14 ta' Jannar tal-1969".

Fuq il-lapida tal-qabar numru D.850 hemm miktub, "F'dan il-qabar hawn il-fdalijiet ta' nies mhux magħrufa li oriġinarjament indifnu fiċ-ċimiterju l-antik tal-*British Services* tal-Furjana, ta' bejn l-1801 u l-1825." Barra minn hekk, fuq il-lapida tal-qabar numru D.849 hemm miktub, "Imneħħija minn Bighi, iċ-ċimiterju tal-Isptar Navali f'Diċembru tal-1966 u reġgħu ġew midfuna hawn fl-25 ta' Marzu tal-1967."

## Splużjoni ġewwa t-Tarzna

Fil-5 ta' Ottubru tal-1915 seħħ aċċident serjissimu fid-Dipartiment tal-Ordinanza Navali ġewwa t-Tarzna. Din l-isplużjoni seħħet f'waħda mit-tined okkupata min xi 50 raġel tar-*Royal Malta Artillery* fejn dawn kienu qed jimlew xi bombi tal-id. Fi ftit sekondi seħħew żewġ splużjonijiet oħra wara xulxin, b'kollox tlieta. Kull assistenza mmedjata ingħatat mill-irġiel li kienu qed jaħdmu ġot-Tarzna, baħrin mill-vapuri li kienu fil-port, kif ukoll baħrin oħrajn Franċiżi. Kien hemm ukoll qassis Franċiż li kien parti mil-flotta navali Franċiża li ta l-Griżma tal-Morda lil dawk li kienu qed imutu. Il-midrubin ġew meħudha fl-Isptar Navali ġewwa Bighi. Il-lista tal-mejtin telgħet għal sittax il-persuna u tlettax oħra mweġġa'.

Dawk li mietu mill-kumpanija numru wieħed kienu, is-Surġent A. Pace bin-numru 1957, Gunner G. B. Dalli bin-numru 1571, Gunner G. Borg bin-numru 2934, Gunner P. Griscti bin-numru 2837, Gunner G. Demicoli bin-nmru 2859, Gunner G.Tanti bin-numru 2849, Gunner P. Caruana bin-numru 2876 u Gunner Fidele Barbara bin-numru 3193. Dawk li mietu mill-kumpanija numru tnejn kienu, Gunner G. Bonnici bin-numru 2688, Gunner Gunner P. Xerri bin-numru 2683, Gunner C. Gauci bin-numru 2659, Gunner C. Farrugia bin-numru 1350 u Gunner Michele Abela bin-numru 1248, filwaqt mill-kumpanija numru tlieta mietu, Gunner L. Calleja bin-numru 2963, Gunner F. Farrugia bin-numru 2965 u Gunner Giuseppe Gafà bin-numru 2911. Dawk ġew midfuna fiċ-Ċimiterju Navali tal-Kalkara.



**Joseph Grech**

Żgħażugħ ta' 17-il sena dilettant tal-festa b'mod speċjali l-armar. Għalkemm jgħix Ħal Qormi, ġej minn familja Kalkariża del-lettanta ferm tal-festa titulari. Preżentement jifforma parti mill-Għaqda tal-Armar u mill-Kummissjoni Żgħażagħ.




*Il-Pjanta taċ-Ċimiterju Navali li turi kif inhu mqassam.*

## L-Għarqa tal-vapur HMS Russel

Il-vapur tal-gwerra HMS Russell li

tlesta mill-binja tiegħu ġewwa Jarrow fil-11 ta' Marzu tal-1899, baħħar għal l-ewwel darba fi Frar tal-1901. Vapur twil 429 pied, bit-tmun fih 75 u nofs pied fil-waqt li għoli 26 u nofs pied. Jiżen 14 il-elf tunnellata u kapaċi jtella' veloċità ta' 19 il-mil tal-baħar, dawn kienu jagħmluha wieħed mill-iktar vapuri tal-gwerra veloċi ta' dak iż-żmien.



*Monument lill-vittmi tal-gwerra Ġappuniżi.*

L-ammiral R.S. Fremantle kien qed itajjar il-bandiera tiegħu fuq dan il-vapur bil-kaptan W. Bowden Sminth meta l-HMS Russell wasal Malta fil-lejl tas-26 ta' April tal-1916. Peress li wasal f'nofs ta' lejl ma tħalliex jidħol fil-port għal raġuni ta' sigurtà, għalhekk dan kellu jogħqod idur il-barra mill-kosta. L-għada fil-għodu meta kien madwar ħames mili l-barra mill-port, il-vapur laqgħat żewġ minjieri, minjieri li ġew imqegħeda mis-sottomarin Ġermaniż U-73. L-HMS Russell żamm fil-wiċċ għal madwar għoxrin minuta qabel ma nqaleb, il-buk tal-bastiment baqa' jidher f'wiċċ l-ilma għal ftit ħin qabel ma għeb taħt il-mewġ. 24 uffiċjal u 676 baħri salvaw u ttieħdu minnufih fl-Isptar Navali ġewwa Bighi, xi ftit minnhom mietu ftit wara iżda 124 baħri tilfu ħajjiethom fit-traġedja. Dawk li mietu ndifnu fiċ-Ċimiterju Navali tal-Kalkara.

## Inċident fl-ajru

Fl-għodwa tal-15 ta' Frar tal-1935, l-ajruplan K.3595 tar-*Royal Air Force* telaq minn Napli fi triqtu lejn Kalafrana għall-bażi RAF ta' Malta, bħala parti mil-vjaġġ lejn Singapor mill-Ingilterra. Iżda ġara li għall-ħabta tal- 11.15 ta' fil-għodu, minħabba ċpar eċċessiv, l-ajruplan ħabat ma' għolja viċin Messina ġewwa Sqallija u ħa n-nar. Dawk kollha li kienu fuq l-ajruplan tilfu ħajithom. Dawn kienu l-logutenent tal-ajru Beatty, l-Uffiċjal tal-ajru Forbes, is-Surġent Willis, il-Kapural Bailey, LAC W.Wallace, LAC C.N.Allen, LAC Rees, ACI Wogan u s-Sur E.Penn, ċivil mar-*Royal Aircraft Establishment* f'Farnborough. L-iġsma tal-mejtin inġabu Malta minn Sqallija bil-vapur HMS Durban sa biex jindifnu ġo dan iċ-ċimiterju.

## L-Aċċident tal-HMS Ariel

Henry F. Sneddon, uffiċjal tal-finanzi prima klassi fuq l-HMS Ariel, miet fid-19 ta' April tal-1907 f'età ta' 31 sena. Ftit wara nofs in-nhar tal-istess ġurnata, ħames *destroyers* kienu qed jagħmlu eżerċizzi militari fin-naħa tan-nofsinhar ta' Malta naqra il-barra mill-kosta. Dawn kienu qed jerġgħu jirritornaw lura ġol-port u preparaw l-aħħar eżerċizzju li kien għall-HMS Ariel biex jidħol ġol-port b'tali mod li jattira l-attenzzjoni tad-difiża ta' ġol-Forti Ricasoli waqt li l-erbgħa l-oħra pruvaw jidħlu bil-moħbi.

Fil-ħdax nieqes kwart l-HMS Ariel ġie innotat u dwal mil-Forti Sant Iermu u minn Ricasoli xegħluha. Dan il-vapur kien taħt il-kmand tal-Logutenent Lancelot Turton, li dan f'ħabta u sabta induna li l-vapur kien qiegħed miexi lejn id-direzzjoni tal-*breakwater* il-ġdid li kien għadu kemm jinbena l-barra mill-Forti Ricasoli. Sfortunatament kien tard wisq biex jiġi evitat aċċident għalhekk l-HMS Ariel kraxxja ġol-*breakwater*, u ġarrab ħsarat kbar fil-parti ta' quddiem tal-vapur, tant li l-kamra tal-*boiler* ma baqgħetx taħdem. Dak il-lejl inzerta li kien baħar qawwi ħafna, il-vapur beda miexi mall-kurrent lejn il-ġebel tal-kosta tal-Forti Ricasoli. Wieħed mill-vapuri l-oħra, l-HMS Bruizer irnexxielu jersaq viċin u beda jiġbed l-HMS Ariel il-barra iżda l-qawwa tal-kurrenti u r-riħ beda jġorr liż-żewġ vapuri 'il barra mill-port lejn il-Forti Rinella tant li l-HMS Bruzier kellu jħalli lil HMS Ariel jaqdef għar-rasu, u b'hekk reġa' beda diehel il-ġewwa lejn il-kosta. Għal darb' oħra l-HMS Bruizer prova jagħti l-għajnuna, iżda spiċċa li anke dan il-vapur ġarrab xi ħsarat fil-proċċess. L-ekwipaġġ tal-vapur HMS Ariel abbandunaw il-vapur iżda il-Logutenent Turton iddeċieda li jibqa' fuqu biex jipprova isalvah. Kien ħabba f'hekk li Coxswain Henry Sneddon iddeċieda li jibqa' hemm biex jgħinu wkoll.



*Dehra ġenerali taċ-Ċimiterju Navali minn ġewwa.*

Ftit qabel nofs il-lejl, il-pruwa tal-vapur ħabtet ġol-kosta ta' Santu Rokku u nqeleb f'baħar baxx ħafna. Suldati minn fuq il-kosta garaw xi ħbula liż-żewġt irġiel sabiex ikunu jistgħu itellawhom lura fuq il-kosta iżda traġikament Coxswain Henry Sneddon tilef il-qabda tal-ħabel u reġa' waqa' lura għal ġol-baħar u għereq. Ġismu inkalja fil-kosta fil-5 ta' Mejju. Għal dan il-każ saret inkjesta maġisterjali, iżda baqa' ma ssolvietx il-kawża ta' x'ġara eżatt biex seħħ dan l-aċċident. Waħda mill-possibiltajiet kienet li id-dawl seta' għama lill-kaptan u b'hekk ma rax il-*breakwater*, iżda l-kaġun eżatt għadna sal-lum ma nafuhx.

## Kalkariżi midfuna f'dan iċ-ċimiterju

F'dan iċ-Ċimiterju Navali huma bosta dawk il-Maltin li huma midfuna fih. Minħabba l-limitazzjoni ta' spazju f'dan l-artiklu, se nġibu biss lista ta' dawk li huma mniżżla bħala mill-Kalkara (*Calcara*) fir-reġistru tal-midfuna:

Edward **Woods**, Pensjonant mill-Kalkara. Miet fl-14 ta' Frar 1927.
Rosa Gertrude G. **Johnson**, mill-Kalkara. Mietet fl-1 ta' Mejju 1927.
Carmelo Saverio **Pisani**, AB, mill-Kalkara. Miet fit-8 ta' Marzu 1914.
D. **Attard**, Ċivili, mill-Kalkara. Miet fil-11 ta' Novembru 1903.

***Nota Editorjali:*** Dan iċ-ċimiterju, frott l-istorja nittamaw li nibqgħu nibżgħu għalih bħala parti minn wirt missirijietna.